**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Frar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 874/2019 AF**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha David Spiteri u Anne Marie Zammit u l-istess David Spiteri**

**vs**

**Aaron Monsigneur**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha David Spiteri u Anne Marie Zammit u l-istess David Spiteri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fl-14 ta’ Lulju 2018, ghal habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija (5:30pm), sehh incident awtomobilistiku fix-Xatt, tas-Sliema, meta waqt li l-intimat Aaron Monsigneur kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBU 296, habat mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni YLE 897, li kienet ipparkjata, proprjetà tal-esponent David Spiteri, u mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AMZ 161, proprjetà tal-assikurat tas-socjetà esponenti Anne Marie Zammit u misjuqa minn Roderick Micallef, fost ohrajn, hekk kif jirrizulta mill-okkorrenza tal-pulizija li qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dok. A.

Il-vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni YLE 897 u AMZ 161 kienu assikurati mill-imsemmija socjetà esponenti Elmo Insurance Limited skond polza ta’ assikurazzjoni *fully comprehensive*. Ghalhekk, l-istess socjetà esponenti Elmo Insurance Limited, a tenur tal-imsemmija polza ta’ assikurazzjoni mahruga fir-rigward tal-vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni YLE 897 u AMZ 161, kif kienet obbligata taghmel, indennizat lill-istess assikurati taghha fis-somma komplessiva ta’ tlieta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro hamsa u tletin centezmu (€23,010.35) u ghaldaqstant l-istess socjetà esponenti Elmo Insurance Limited giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha.

Minn naha tieghu, l-esponent David Spiteri *de proprio* garrab danni fl-ammont ta’ tmien mitt Ewro (€800).

Ghaldaqstant, konsegwenza ta’ dan l-incident, l-esponenti garrbu danni fl-ammont komplessiv ta’ tlieta u ghoxrin elf tmien mija u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,810.35).

Ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-intimat Aaron Monsigneur minhabba imprudenza, imperizja,

negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minkejja li l-intimat Aaron Monsigneur kien interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni tal-esponenti permezz ta' ittra ufficcjali datata 14 ta' Marzu 2019, huwa baqa' inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-intimat Aaron Monsigneur unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-14 ta' Lulju 2018 fix-Xatt, tas-Sliema, hawn fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-esponenti.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti fl-ammont komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,810.35) in kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,010.35) lis-socjetà esponenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal tmien mitt Ewro (€800) lill-esponent David Spiteri.

3. Tikkundanna lill-intimat Aaron Monsigneur sabiex ihallas lill-esponenti s-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,810.35), in kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,010.35) lis-socjetà esponenti Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal tmien mitt Ewro (€800) lill-esponent David Spiteri, hekk likwidata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-14 ta' Marzu 2019 kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat illum kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghax legali b'effett mill-14 ta' Marzu 2019 kontra l-imsemmi intimat Aaron Monsigneur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi minkejja li debitament notifikat, il-konvenut ma preżenta l-ebda risposta għat-talbiet miġjuba kontrih.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni minħabba inċident stradali. L-atturi qed jitolbu lill-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-14 ta' Lulju 2018, Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, u għaldaqstant, sabiex jiġi kkundannat iħallas għad-danni hekk kif likwidati minn din il-Qorti.

Jirriżulta li l-konvenut, minkejja li gie debitament notifikat bl-atti tal-kawża, ma ppreżenta l-ebda risposta għat-talbiet attriċi. Huwa stabbilit illi l-kontumaċja ma tfissirx u ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et, deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, li:

> *"... huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Tonio Fenech noe vs Interdrive Limited et, tat-30 ta' Novembru 2015, qalet hekk:

> *"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioè dik li ma jkunx jista' jressaq provi (ara: App. Kumm. - 21.5.1993 – "__**Vella pro et noe vs Vella**__" (__**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**__). Min-naha l-*

*ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosità tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumacja titqies gustifikata (ara: P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**).*

*Dan premess, inghad ghal diversi drabi mill-qrati taghna illi l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni da parti ta' konvenut tat-talbiet tal-attur. (ara: **Kollez. Vol. XXIX.iii.35**). Ghall-kuntrarju, il-kontumacja dejjem tqieset bhala kontestazzjoni u hekk baqghet meqjusa anke wara l-emendi ghal-ligi tal-procedura li dahlu bl-Att XXIV tal-1995. Ghalhekk jispetta dejjem ghall-gudikant illi jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut."*

Mill-provi prodotti jirriżulta li nhar l-14 ta' Lulju 2018 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBU 296, misjuqa mill-konvenut, ħabtet mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AMZ 161, proprjetà ta' Anne Marie Zammit u misjuqa minn Roderick Micallef u ma' dik bin-numru ta' reġistrazzjoni YLE 897, proprjetà tal-attur David Spiteri, li kienet ipparkjata, fost vetturi oħra. Iż-żewġ vetturi msemmija li huma l-mertu ta' dan il-każ kienu t-tnejn assigurati mas-soċjetà attriċi.

Jirriżulta mix-xhieda ta' Anne Marie Zammit u ta' Roderick Micallef li huma kienu qegħdin isuqu fuq il-karreġġjata ta' barra fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, fid-direzzjoni lejn il-Gżira meta l-konvenut baqa' dieħel fihom minn wara. Kawża ta' dan l-inċident, kemm Anne Marie Zammit u kif ukoll Roderick Micallef sofrew ġrieħi ħfief filwaqt illi l-vettura, li mad-daqqa daret dawra sħiħa u reġgħet ġiet tħares fl-istess direzzjoni, sofriet ħsara estensiva. Wara li ħabat mal-imsemmija vettura, il-konvenut ħabat ukoll ma' numru ta' vetturi pparkjati, inkluż dik proprjetà tal-attur David Spiteri li wkoll sofriet ħsara kbira.

PS 309 Brian Xuereb xehed li huwa stazzjonat l-għassa tal-Imsida u dakinhar tal-inċident mar fuq il-post hekk kif daħal ir-rapport. Huwa rriżultalu li l-kaġun tal-inċident kien il-konvenut li baqa' dieħel fil-vetturi li kien hemm quddiemu weqfin fit-traffiku. Xehed ukoll illi jiftakar illi kellu riħa ta' xorb qawwija fuqu u li kien ammetta li baqa' dieħel hu fil-vetturi in kwistjoni. Deherlu wkoll illi mill-ħsarat ikkawżati, il-konvenut kien qiegħed isuq b'ċerta veloċità.

Kawża ta' dan l-inċident, l-assiguratriċi attriċi tgħid li kellha tindennizza lill-assigurati tagħha s-somma globali ta' €23,010.35 filwaqt illi l-attur David Spiteri sofra danni fis-somma ta' €800 peress illi kellu jikri vettura sakemm dik tiegħu kienet qiegħda għat-tiswijiet (€675) u ħallas il-*policy excess* (€125). Ix-xhud George Stagno Navarra, in rappreżentanza tal-assiguratriċi attriċi, xehed illi biex issewwiet il-vettura tal-attur David Spiteri l-assiguratriċi ħallset €9893.36 u li b'hekk il-ħsara komplessiva fuq dik il-vettura kienet ta' €10,018.36 (€9893.36 + €125). Il-vettura ta' Anne Marie Zammit instabet illi kienet *beyond economical repair* u allura l-attriċi ħallset lill-assigurata tagħha s-somma ta' €14,300, rappreżentanti l-valur tal-vettura qabel l-inċident. Il-Qorti tinnota li din is-somma komplessiva ta' €24,193.36 (€9893.36 + €14,300) hija oghla mis-somma li qiegħda tirriklama l-assiguratriċi attriċi fir-rikors maħluf iżda l-Qorti hija marbuta b'dak mitlub fl-imsemmi rikors maħluf.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar, deċiża fis-6 ta' Novembru 1998:

> "*Huwa ndubitat li l-konvenuta, kif jissottometti l-attur, kienet obbligata żżomm a proper look out, speċjalment fi triq bħal din in kwistjoni. Infatti, fis-sentenza ferm studjata fl-ismijiet* ***Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et****, (Vol. XLVI.I.112), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha l-okkażjoni tgħid li "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħalma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali*

*ostakolati bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti oħra kontinġenti u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dik li komunement tissejjaħ a reasonable look out, liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli..."*

Fil-kawża fl-ismijiet John Soler et vs Claire Gove et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Ottubru 2003, intqal hekk:

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road."*

Fil-każ ta' Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Beverley Sciberras, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-8 ta' Ġunju 2005, ingħad li:

*"Jinsab ritenut f'materja ta' kollizzjonijiet illi driver ta' karozza ghandu innegabilment zewg doveri: wiehed li jzomm "a proper look out" u l-iehor dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu l-vettura l-hin kollu taht kontroll ("Il-Pulizija -vs- Anthony Spiteri", Appell Kriminali, 21 ta' Mejju 1960). Jissokta jigi spjegat, dejjem in referenza ghal dawn l-istess doveri, illi hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab fihom u li jzomm dik li tissejjah "a reasonable careful look out", liema dmir igib mieghu li driver jara dak li jkun ragonevolment vizibbli - "Giuseppa Debono -vs- Philip Camilleri et", Appell Civili, 23 ta' Frar 1962. Ma' dawn id-doveri jista' jizdied li kull driver ghandu wkoll id-dmir li jzomm is-side tieghu."*

Rilevanti wkoll għall-każ tal-lum huwa dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' David Crisp vs Ian Zahra, deċiża fit-30 ta' Mejju 2002:

> *"Illi jinghad ukoll li f'cirkostanzi simili meta karozza tispicca tahbat ma' karozza ipparkjata, dan ikun kaz ta' "res ipsa loquitur" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia" (P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001) u "Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri" (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).*
>
> *Illi l-istess gie determinat fil-kawza "Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri" (P.A. RCP - 7 ta' Dicembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla esitazzjoni ta' xejn, thoss li dan huwa kaz ta' "res ipsa loquitur", li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' "prima facie" li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. ("John Formosa noe vs Joseph Zammit" - F.G.C. 30 ta' April 1993; "Charles Tonna vs Joseph Cassar" - A.C. 14 ta' Mejju 1971; "Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo" - A.C. 5 ta' April 1971).*
>
> *Illi skond il-Gibb para. 90 jinghad illi "when a stationary car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden of proof resting on the plaintiff will in such a case not be difficult to discharge". U dan gie citat fis-sentenza fl-ismijiet "Lloyds (Malta) Limited vs Anthony Borg" - P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000)."*

Finalment, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Middlesea Insurance plc nomine vs Gilbert Bugeja, tat-13 ta' Ġunju 2016, qalet hekk dwar il-veloċità tas-sewqan bħala l-kawża prossima ta' inċident stradali:

> *"Fil-gurisprudenza Maltija, gie mqanqal ripetutament l-punt jekk speed eccessiv huwiex fattur ta' kontributorjetà ghal responsabilità f'incident. Hemm sentenzi fejn gie ritenut li speed in eccess ta' dak regolamentari wahdu ma wassalx*

*ghal responsabilità - anqas fi grad parzjali jew kontributorju (Vide Barna vs Hudes Merchandising Corporation – 1962 S.J. 194, C.A.; Bartolo vs Micallef – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 16 ta' Frar 1973; Grech vs Mizzi – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 23 ta' Marzu 1973 u Agius vs Cachia – Appell Civili – 24 ta' Novembru 1982). Hemm sentenzi ohra li jsostnu li speed eccessiv huwa fattur li ghandu jigi kunsidrat biex tigi stabbilita r-responsabilità, partikolarment meta b'rizultat ta' dan l-ispeed eccessiv il-hsarat ikunu kbar (Mamo vs Muscat Doublesin– Prim'Awla tal-Qorti Civili – 9 ta' April 1963).*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li huwa biss meta l-ispeed ikun fattur determinanti u konkomitanti fid-dinamika ta' incident, li ghandu jitqies bhala fattur kontributorju. Vide Bonello vs Baldacchino deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fil-15 ta' Jannar 1997 u Stanley vs Zahra (PA/JSP) deciza fit-23 ta' Marzu 1993."*

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Imbagħad, l-artikolu sussegwenti jgħid espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kap. 16) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 tal-Kap. 16, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ unikament tort tal-konvenut li tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu waqt li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva u konsegwentement, ħabat ma diversi vetturi oħra li jew kienu pparkjati jew qed jinstaqu quddiemu. Il-ħsara estensiva li kkawża fuq iż-żewġ vetturi mertu tal-każ hija prova biżżejjed tal-fatt li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità qawwija fi triq fejn is-sewqan sfrenat żgur li mhux f'postu. Il-Qorti hija sodisfatta wkoll mill-quantum tad-danni riklamati mill-

atturi minħabba l-ħsara estensiva li sofrew il-vetturi in kwistjoni, liema danni huma sostanzjati bil-provi fl-atti.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara lill-intimat Aaron Monsigneur unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-14 ta' Lulju 2018 fix-Xatt, tas-Sliema, hawn fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu r-rikorrenti.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,810.35) in kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,010.35) lis-socjetà Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal tmien mitt Ewro (€800) lil David Spiteri.

3. Tikkundanna lill-intimat Aaron Monsigneur sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,810.35), in kwantu ghal tlieta u ghoxrin elf u ghaxar Ewro u hamsa u tletin centezmu (€23,010.35) lis-socjetà Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal tmien mitt Ewro (€800) lil David Spiteri.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Aaron Monsigneur.

IMHALLEF

DEP/REG